## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 339/2021: **ARGUS INSURANCE COMPANY (EUROPE) LIMITED (OC 1216[1]) U ADEL OTHMAN H. SHKAB (KI. 445415L) V. L-AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA[2]**

((RESPONSABILITA' AWKILJANA TA' ENTITA TAL-GVERN ILLI TWETTAQ TRASGRESSJONI TA' DMIR IMPOST FUQHA MILL-LIGI – ID-DMIRIJIET TAL-AĠENZIJA GHAL INFRASTRUTTURA MALTA LI TIEHU HSIEB IZ-ZAMMA TA' TOROQ ARTERJALI U DISTRIBUTORJI - F'AZZJONI AQUILIANA L-ATTUR GĦANDU ONERU TA' PROVA IKTAR DIFFICLI BILLI JRID JIPPROVA N-NEXUS BEJN L-AGIR TAL-KONVENUT U D-DANNU MINNU SOFFERT – ID DMIR LI L-ATTUR JIPPROVA L-FATTI ALLEGATI MINNU *ACTORI INCUMBIT PROBATIO*")

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Marzu 2025**

wara li rat ir-rikors ta' Argus Insurance Company (Europe) Limited (hawn imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti") u Adel Othman H. Shkab (hawn imsejjaħ "ir-rikorrent") – flimkien hawn imsejjħa "ir-rikorrenti" – ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2021[3] li permezz tiegħu talbu lill-Aġenzija għal Infrastruttura Malta (hawn imsejjħa "l-Aġenzija intimata" jew "l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti:

> **"tħallas is-somma totali ta' sitt elef, mija u ħamsa u disgħin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€ 6,195.26) rappreżentanti danni u spejjeż in konnessjoni mal-inċident li seħħ fis-17 ta' Lulju 2020 f'Telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ALY 085, proprjeta tar-rikorrenti Adel Othman H. Shkab, liema vettura hija koperta b'polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta rikorrenti Argus Insurance**

[1] In-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija rikorrenti ġie miżjud mill-Qorti *marte proprio* għar-raġunijiet imfissra aktar isfel f'din is-sentenza.
[2] L-isem tal-Aġenzija intimata fl-okkju tal-proċediment ġie korrett mill-Qorti *marte proprio* għar-raġunijiet imfissra aktar isfel f'din is-sentenza.
[3] Fol 1-4

**Company (Europe) Limited, sofriet ħsarat konsegwenza ta' ħofra li kien hemm f'din l-istess triq li tagħha hija responsabbli l-Aġenzija intimata, Infrastructure Malta (kopja tar-rapport tal-Pulizija hawn annessa u mmarkata Dok A).**

**Bl-imgħax u bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali numru 2016/2021 datata 3 t'Awwissu 2021."**

wara li rat ir-risposta tal-Aġenzija intimata ppreżentata fil-11 ta' Jannar 2022[4] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

**"1. Illi preliminarjament, jispetta lill-atturi jġibu prova li kienu preżenti f'Malta fil-mument tal-preżentata tal-kawża u li kkonfermaw l-kontenut tagħha bil-ġurament.**

**2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Aġenzija eċċipjenti mhijiex responsabbli għad-danni reklamati mill-atturi, u f'kull każ jispetta lill-atturi jippruvaw ll l-Aġenzija esponenti taħti għal xi nuqqasijiet li jrenduha responsabbli għad-danni pretiżi minnhom.**

**3. Illi b'żieda mal-premess, u dejjem bla preġudizzju l-atturi għandhom iġibu l-aħjar prova tad-danni pretiżi minnhom.**

**4. Illi, mingħajr preġudizzju ukoll, u f'kull każ, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u kif ukoll fil-liġi.**

**5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."**

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat li fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022 ir-rappreżentant legali tar-rikorrenti formalment irriduċiet is-sorte għall-ammont ta' ħamest elef sitt mija tnejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ 5,672.75)[5],

wara li semgħet it-trattazzjoni finali fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2024 magħmula:

- għan-nom tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Paula Briffa,
- tal-Aġenzija intimata, mill-Avukat Dr. Roberto Spiteri,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Din hija azzjoni għad-danni miftuħa minn sid il-vettura li kienet involuta f'inċident stradali kif ukoll mill-kumpanija tal-assigurazzjoni li ġiet surrogata fid-drittijiet tal-istess sid meta kopritu bis-saħħa tal-polza tal-assigurazzjoni viġenti fir-rigward tal-istess vettura, kontra l-Aġenzija li twaqqfet bis-saħħa tal-Att XXVIII tal-2018 *inter*

[4] Fol 9-11
[5] Fol 33

*alia* bil-funzjoni illi tieħu ħsieb iż-żamma u l-manutenzjoni tat-toroq Maltin (għajr għal dawk li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' awtoritajiet oħra).

2. Fis-seduta tal-4 ta' April 2022 xehed ir-rikorrent **<u>Adel Othman H. Shkab</u>**[6], sid il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ALY 085:

   - Qabel xejn huwa qal illi huwa ilu jgħix Malta mill-2005 u li fid-data tal-ftuħ tal-kawża kien filfatt preżenti f'pajjiżna. Huwa jaħdem bħala xufier tat-*taxis* u għandu kumpanija bix-xufiera tiegħu.

   - Spjega illi huwa kellu polza tal-assigurazzjoni *fully comprehensive* dwar ir-riskji ta' terzi persuni maħruġa favur tiegħu mill-kumpanija rikorrenti fir-rigward tal-użu tal-vettura in kwistjoni (minnu jew mis-sewwieq awtorizzat).

   - Dwar l-inċident huwa qal li dan seħħ bejn wieħed u ieħor bejn l-għaxra ta' filgħodu u nofsinhar meta kien ċempillu xufier impjegat tiegħu biex jinfurmah b'inċident li kien ġara fit-telgħa tax-Xemxija meta kien daħal f'ħofra li kienet fit-triq. Ix-xufier spjegalu illi kien qed jara ż-żejt nieżel mill-magna jew mill-*gearbox*. Huwa mar fuq il-post tal-inċident u ħa xi ritratti li ġew esebiti bħala Dok OS1 sa Dok OS9[7]. Il-vettura ġiew *towed* u ttieħdet għand *mechanic* li ssenjalalu problema bil-*gearbox.* Dakinhar stess sar rapport l-Għassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Baħar u imbagħad mexxa bil-*claim* mal-kumpanija rikorrenti.

   - Huwa kkonferma r-rapport esebit bħala Dok A mar-rikors promotur[8] kif ukoll il-verżjoni li kien ta lill-pulizija ossia s-segwenti:

     > "Illum 17/07/2020 rrapporta l-Għassa tal-Qawra ċertu SHKAB, ADEL OTHMAN H. - ID Card: 0445415L fejn stqarr illi l-ħaddiem tiegħu MILOSHEVIKJ, SRGJAN - ID Card: 0196745A illum għall-ħabta tal-11 :05 waqt li kien għaddej bil-vettura ALY085 minn Triq it-Telgħa tax-Xemxija b'konsegwenza ta' ħofra li hemm fit-triq quddiem il-beachhaven, għamel xi ħsarat fuq il-vettura għaliex is-sensors bdew jixgħelu u kif ukoll beda ħiereġ xi żejt min-naħa ta' taħt tal-imsemmija vettura"

---

[6] Fol 22D-22F
[7] Fol 23-31
[8] Fol 2-4

- Ikkonferma li ħallas *excess* ta' € 500 biex fetaħ il-*claim* mal-kumpanija rikorrenti u li din kienet ħallset għall-ispejjeż sabiex il-vettura setgħet tissewwa.

3. Fl-istess seduta xehed ukoll **<u>Srgjan Miloshevikj</u>**, il-persuna li kien qed isuq il-vettura fil-ħin tal-inċident. Madanakollu x-xhieda tiegħu ġiet sfilzata b'ordni tal-Qorti fit-18 ta' Marzu 2024 u dan wara illi minkejja li kienu saru diversi tentattivi mill-intimata sabiex tressqu in kontroeżami, dan ma setax jiġi rintraċċjat.

4. Fil-11 ta' Lulju 2022 xehed **<u>John Camilleri</u>**, *Motor Claims Team Leader* tal-kumpanija rikorrenti:

   - Huwa kkonferma l-vettura in kwistjoni kienet assigurata mar-rikorrenti taħt polza magħrufha bħala *fully comprehensive* u li sidha kien ir-rikorrent.

   - Wara li saret il-*claim* (Dok JC1[9]) huma appuntaw *surveyor* u wara li sar is-*survey* relattiv (Dok JC4[10]) ir-rikorrenti ħallset dak dovut lir-rikorrent. Tħallas *excess* ta' € 493.01 mir-rikorrent (Dok JC3[11]).

   - Ir-rikorrent kien ippreżenta riċevuti lir-rikorrenti tal-ammonti li kien ħallas għat-tiswijiet ossia € 11,579.17 u € 357.54 (Dok JC5[12]).

   - Fost il-*parts* li kien hemm bżonn jinbidlu kien hemm il-*condenser, lower engine duest cover, gear box, bumper* ta' quddiem u l-*bumper support.* Huwa qal illi għalkemm ir-rikorrent kien xtara *gear box* u *clutch* ġdid huma kienu ġibdulu l-attenzjoni illi minħabba d-diprezzament tal-*parts* (*wear and tear*) ma kienux ser iħallsu iżjed minn nofs il-prezz tagħhom.

   - Ikkonferma li r-rikorrenti ħallset **<u>€ 5,672.75</u>** lir-rikorrent. Dan jeskludi l-ispejjeż legali tagħhom.

5. Wara x-xhieda ta' John Camilleri, ir-rikorrenti formalment irriduċew l-ammont mitlub minnhom minn € 6,195.26 għal € 5,672.75[13]

---

[9] Fol 34-36
[10] Fol 41-45
[11] Fol 40
[12] Fol 46-48
[13] Fol 33

6. Fis-27 ta' Mejju 2024 xehed **Walter Vella**[14], *motor surveyor* ingaġġat mill-kumpanija rikorrenti:

- Qabel xejn huwa kkonferma s-*survey report* maħruġ minnu li kien ġie esebit minn John Camilleri bħala Dok JC4[15].

- Qal illi l-vettura kellha ħsara fuq quddiem u fuq taħt tagħha. Huwa kkonferma li r-ritratti esebiti mas-*survey report* kien ħadhom hu stess.

- Spjega illi bħala *parts* kien bidel fost oħrajn il-*condenser* (li għandhu x'jaqsam mal-*air conditioning*), il-*gearbox, u* ż-żejt tagħha.

7. In kontroeżami fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2024 l-istess **Walter Vella**[16] xehed fost oħrajn kif ġej:

- Huwa sostna li l-ħsarat li kellha l-vettura ma kienux ġejjin minn *wear and tear* imma kien jidher ċar illi kien seħħ inċident. Qal li kellha daqqiet fuq il-*bumper,* fuq taħt u mal-*gearbox* u dan kif jidher mir-ritratti esebiti.

- Dwar il-ħsarat fil-*gearbox* u meta ġie mistoqsi x'seta wassal sabiex sofriet il-ħsarat, huwa qal illi s-*sump* li huwa taħt il-magna fuq taħt tal-vettura ġratilha l-ħsara u niżel iż-żejt minnha u b'hekk il-*gearbox* ma baqgħetx taħdem sewwa. Qal illi ma kienetx tagħmel sens illi jinbidlu l-*gears* separatament għaliex ekonomikament kien iktar jaqbel illi jinbidel il-*gearbox* mill-ewwel. F'dal-każ partikolari kien irrakkomanda li tinbidel il-*gearbox* u titwaħħal waħda li tkun ġiet *reconditioned.*

- Qal illi l-prezzijiet u valuri indikati minnu fis-*survey report* jirriflettu bejn wieħed u ieħor il-prezz tas-suq kif kien dak iż-żmien li sar ir-rapport.

8. Fis-27 ta' Mejju 2024 xehed **Robert Fenech**[17], *part-time mechanic* li fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

---

[14] Fol 107A-107C
[15] Fol 41-45
[16] Fol 111A-111C
[17] Fol 107E-107F

- Huwa kkonferma r-riċevuta maħruġa minnu u r-rendikont tal-ispejjeż li kienu ġew esebiti minn John Camilleri bħala parti minn Dok JC5[18].

- Huwa qal illi kien biddel il-*gearbox* tal-vettura, il-*condensor* tal-*air-conditioning,* iż-żejt tal-*gearbox,* kien għamel il-*programming* u biddel il-*cover* tal-magna. Huwa żamm € 250 bħala xogħol t'idejh u b'kollox il-kont ġie € 11,579.17 inkluż il-VAT.

- Kien ir-rikorrent li ħallsu dan l-ammont.

9. In kontroeżami fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2024 l-istess **Robert Fenech**[19] xehed fost oħrajn kif ġej:

- Huwa ma setax jiftakar jekk il-*parts* mibjugħa kienux ġodda jew inkella kienux *second-hand.* Sussegwentement ikkjarifika illi mill-affarijiet elenkati fid-dokument a fol 48, il-*clutch*, iż-żejt, il-*condenser* u l-*cover* kienu kollha *parts* ġodda, però ma kienx ċert jekk il-*gearbox* kienetx ġdida jew le.

10. Fis-27 ta' Mejju 2024 xehed **Jean Paul Pace**[20], tellar, li *inter alia* qal is-segwenti:

- Huwa kkonferma r-riċevuta maħruġa minnu li kienet ġiet esebita minn John Camilleri bħala parti minn Dok JC5[21] però ma setax jiftakar eżattament x'xogħol kien sar fuq il-vettura.

- Ikkonferma li kien tqabbad mir-rikorrent u li kien tħallas minnu stess.

11. In kontroeżami fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2024 l-istess **Jean Paul Pace**[22] qal li huwa kien għamel xogħol ta' *panel beating* u ta' *spray* fuq il-vettura. Din kienet inġiebet għandu mir-rikorrent. Stqarr illi min ġablu l-vettura kien qallu illi l-vettura kienet sofriet ħsara meta daħlet ġewwa ħofra. Meta nġiebet għandu l-vettura ma kienetx tista' tinstaq. Qal illi meta l-vettura daħlet fil-ħofra, bid-daqqa ir-rota laqtet il-*mudguard* u l-*bumper* intlaqat minn taħt. Huwa kien għamel xogħol fuq il-*bumper* u fuq il-*mudguard* u dan wara li kien tkellem mas-*surveyor.*

---

[18] Fol 46, 48
[19] Fol 111D-111E
[20] Fol 107H-107I
[21] Fol 47
[22] Fol 111F-111G

**Kunsiderazzjoni: korrezzjonijiet fl-okkju**

12. Jingħad qabel xejn illi fir-rikors promotur ma ġiex indikat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija rikorrenti. Skont l-Art. 174(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'174 (2) Kull skrittura jew att ieħor li għandhom jiġu notifikati, għandu jkollhom magħhom:**
> **...**
> **(b) in-numru ta' reġistrazzjoni jekk il-persuna li qed tagħmel it-talba hija soċjetà jew kumpannija reġistrata skont l-Att dwar il-Kumpanniji'**

13. Għalhekk il-Qorti qegħda *ex-officio* tordna li tissewwa din l-omissjoni ai termini tal-Art. 175(3) tal-Kap. 12 u filfatt sejra tagħmel hekk *marte proprio* billi wara li ħadet *judicial notice* tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija rikorrenti mis-sit tal-*Malta Business Registry* tordna l-inseriment ta' dan in-numru, ossia' OC 1216.

14. Inoltre il-Qorti tinnota ukoll illi isem l-Aġenzija intimata hekk kif imniżżel fir-rikors promotur li huwa l-att ġudizzjarju li welled u ta lok għall-proċediment, jaqra "*Infrastructure Malta*". L-okkju għandu jirrifletti l-isem korrett u eżatt tal-entità illi kontriha nfetħet il-kawża. Skond l-Att XXVIII tal-2018 (Kap. 588) li waqqaf l-Aġenzija intimata fl-4 ta' Settembru 2018, l-istess Aġenzija jisimha "*Aġenzija għal Infrastruttura Malta*". Hadd mill-partijiet formalment ma talab korrezzjoni f'dan is-sens matul il-proċediment. Madanakollu l-Qorti tista' *ex-officio* tordna li ssir tali korrezzjoni ai termini tal-Art. 175(3) tal-Kap. 12 u f'dan ir-rigward hija sejra tagħmel hekk *marte proprio.* Għalhekk il-Qorti qegħda *ex-officio* tordna l-korrezzjoni tal-okkju fis-sens illi isem l-Aġenzija intimata għandu jinqara bħala "l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta".

**Kunsiderazzjoni: l-eċċezzjoni preliminari**

15. B'mod preliminari l-Aġenzija intimata eċċepiet illi r-rikorrenti għandhom iġibu prova illi fil-mument tal-preżentata tal-kawża huma kienu preżenti f'Malta u inoltre li kkonfermaw l-kontenut tagħha bil-ġurament. Dwar il-bżonn illi jikkonfermaw ir-rikors bil-ġurament il-Qorti tosserva illi ma kien hemm l-ebda ħtieġa legali li jsir dan billi rikors promotur fil-Qrati Inferjuri ma jiġix ikkonfermat bil-ġurament minn min jippreżentah.

16. Il-kumpanija rikorrenti hija waħda reġistrata f'Malta skont l-indirizz provdut fir-rikors promotur. Ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu kkonferma ukoll illi huwa ilu jirrisjedi Malta sa mill-2005 u li huwa kien preżenti f'pajjiżna meta fetaħ il-kawża.

17. Għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata.

**Kunsiderazzjoni: il-liġi u l-ġurisprudenza**

18. Fil-fehma tal-Qorti l-artikoli tal-liġi li huma applikabbli għall-każ in eżami huma dawk li jirrigwardaw id-delitti u l-kważi-delitti li jinsabu fl-Artikolu 1029 et. seq. tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) fosthom:

> **'1029. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.**
>
> **1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.**
>
> **1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.**
>
> **1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew <u>jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi</u>, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.**
>
> **1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib ...'**

19. Fuq din il-materja fil-ġurisprudenza nostrana intqal illi:

- **<u>Michael D'Amato noe et. v. Filomena Spiteri et.</u>** (PA, Ċit Nru 886/1993/2 PS, 03/10/2003):

> "L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jippreciza li 'kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu'. Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-**<u>responsabilita` akwiljana</u>** jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew kulpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-**<u>nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' hsieb tal-bonus paterfamilias</u>** [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]..."

- **L-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino noe. v. Angelo Xuereb noe. et** (03.07.2003, Ċit Nru. 1264/1991/TM):

  "ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' extra contrattuale jew aquiliana...Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll...

  ... **Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu** ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert. Ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale.

  "Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639)"

- **Mary Vassallo v. Giovanni Mizzi et.** (PA, Imħallef A. V. Camilleri, 09.04.1949, Vol. XXXIII.II.379) intqal illi:

  "il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-**differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad**. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi **fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad**."

- **Pamela Fears v. Leo Grech et.** (PA, Rik. Nru. 480/11GM, 08/10/2019):

"'**Differenzi bejn l-illeċitu akwiljan u l-illeċitu kuntrattwali.**... Illi skont l-imħallef Caruana Curran « *l-colpa aquiliana tirrikorri meta d-dannu jigi kaġonat f'rapport extrakuntrattwali, cioe` tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover ġenerali tan-neminem laedere kombinat man-negliġenza taħt l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabbilta` kuntrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra* » [23]

Illi skont **Castronovo**[24] "*mentre nel torto extracontrattuale la colpa e` elemento costitutivo della responsabilita` e cioe` di un'obbligazione risarcitoria tra due soggetti fino ad allora irrelati, nella responsabilita` contrattuale il vinculum iuris esistendo gia`, la colpa non puo` esplicare quella funzione costitutiva di un'obbligazione che invece le e` propria nella responsabilita` aquiliana. In pari tempo nella responsabilita` contrattuale e` l'obbligazione medesima che, in quanto si traduce nella necessita` giuridica dell'adempimento, da` vita a` responsabilita` per il fatto stesso della sua mancata attuazione, talche` solo l'impossibilita` di adempiere esclude la responsabilita` ma nel momento stesso in cui e per la ragione che estingue l'obbligazione (art. 1256 c.c.)*";

Illi skont dottrina maġġoritarja fl-Italja, id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ tipi ta' illeċitu tinstab fix-**xorta u piż tal-prova**: "*diverso e` infatti il contenuto della prova che spetta al danneggiato, il quale in caso di inadempimento dell'obbligazione (contrattuale) deve provare soltanto tale inadempimento, spettando poi al danneggiante la prova liberatoria sulla responsabilita`; mentre nella responsabilita` aquiliana, il danneggiato deve provare non solo il fatto dannoso, ma anche la responsabilita` del danneggiante*[25]";

Illi fi kliem il-**Bianca**: "*Come la prova degli altri elementi constitutivi dell'illecito, la prova della colpa e` a carico del danneggiato. In cio` si riscontra una delle piu` vistose differenze della responsabilita` extracontrattuale rispetto a quella contrattuale, dove e` il debitore che ha l'onere di provare la sua mancanza di colpa*[26] ... *Per quanto si attiene al contenuto della prova liberatoria incombente in generale sul debitore inadempiente, va rilevato che a quest'ultimo* ***non e` sufficiente dare una prova generica delle proprie capacita` o della idoneita` della propria organizzazione o dei mezzi predisposti per l'adempimento****...Occorre piuttosto che egli dia la prova della sua assenza di colpa in relazione alla causa che ha impedito l'adempimento o l'esatto adempimento,* ***che cioe` tale causa era imprevedibile e inevitabile alla stregua della dovuta diligenza*** *... Questa prova implica l'identificazione della specifica*

---

[23] **Gaetano Spiteri v Thomas Castle** 18.08.1965 Prim'Awla sedenti l-Imħallef M. Caruana Curran - XLIX.ii.1027
[24] *Carlo Castronovo*, La Nuova Responsabilita` Civile, 3a ed. , 2006, paġna 456
[25] Enciclopedia Forense
[26] C. Massimo Bianca, Diritto Civile Vol 5 **La Responsabilita`** para. 253: seconda edizione 2012

*causa impeditiva (il fortuito)"[27]... Mentre la prova della mancanza di colpa e` a carico del debitore, la prova dell'inadempimento e` a carico del creditore"[28]*

- **Carmelo Farrugia et. v. Victor Conti** (PA, Ċit Nru 1060/1995/2 TM, 09/10/2003):

  "Intqal diversi drabi li biex tirrizulta responsabbilita' ghall-hsara, irid ikun hemm **ness ta' kawza u effett**, u dan in-ness irid jigi pruvat mill-vittma tal-hsara".

- **Margaret Camilleri et. v. The Cargo Handling Co. Ltd** (PA, Ċit Nru 1560/1995/1 PS, 13/10/2004):

  "Il-**prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofrih**. Jinkombi ghalhekk lill-atturi f' dan l-kaz li jaghtu prova ta' l-effettiva ezistenza tad-dannu"

- **Marco Buttigieg et. v. Rose Cini** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App 21/1999/1 PS, 17/11/2004):

  "Tibqa' dejjem, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, regola sana illi f' materja ta' rizarciment ta' danni, id-danneggjat ghandu jkollu d-dritt jikkonsegwixxi rizarciment effettiv li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz. Li jfisser li dan l-istess rizarciment jista' jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitjiet mitlufa"

- **Sylvia Degiorgio et. v. Massimiliano Da Crema** (PA, Ċit Nru 1560/1995/1 PS, 13/10/2004):

  "Issa hu principju gwida regolanti materja ta' rizarciment ta' danni illi min isofri dannu ghandu jigi re-integrat f' dak li jkun tilef b' konsegwenza ta' l-event dannuz u mhux dak li jiehu vantagg meta dan ikun indebitu jew mhux misthoqq"

- **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App Nru 616/2001/1 PS, 20/10/2003):

  "... di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b' mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b' pizijiet biex inaqqas il-hsara")

- **Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri** (App. Ċiv. 24/01/1969)

---

[27] op.cit, para. 27
[28] op.cit. para. 28

"...il-kwistjoni ta' x' inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut"

20. Fil-*Halsbury's Laws of England* intqal illi:

"The guiding principle of law in mitigation of losses is as follows. It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues, and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect. The duty arises immediately a plaintiff realises that an interest of his has been injured by a breach of contract or a tort, and he is then bound to act, as best he may, not only in his own interests, but also in those of the defendant. He is, however, under no obligation to injure himself, his character, his business, or his property, to reduce the damages payable by the wrongdoer. He need not spend money to enable him minimize the damages, or embark on dubious litigation. The question what is reasonable for a plaintiff to do in mitigation of his damages is not a question of law, but one of fact in the circumstances of each particular case, the burden of proof being upon the defendant."[29]

21. Fis-sentenza fl-ismijiet **Edgar Borg et. v. Alexia Eminyan** (PA, 13/06/2013, Ċit Nru 736/2004 LSO) intqal is-segwenti rigward il-figura tal-*bonus paterfamilias*:

"Din il-figura tal-bonus paterfamilias giet elaborata mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi. Fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppe Spiteri vs Alexander Camilleri "**deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' April 1937 [Vol. XXIX.i.937] gie ssottolinejat:- *"Mill-banda l-ohra huwa assodat fid-dottrina u accettat fil-ligi taghna illi d-diligenza li hija necessarja fil-materja tad-danni li jkunu gejjin mid-delitti jew kwazi hija dik tal-persuna medja, cjoe' d-diligenza ordinarja; 'la media del dovere non e' la previdenza della quale e' capace un dato individuo, ma e' quella commune di un uomo prudente"*(**Cogliolo** – "Colpa Aquiliana", Scritti vari Vol. I, pag. 202).

Il-**Pollock** ("Law of Torts", page 357) jistabbilixxi l-istess principju fid-Dritt Ingliz:- *"We have to assume that the standard of duty is not the foresight and caution which this or that particular man is capable of, but **the foresight and caution of a prudent man**".*

Ghal dak li jikkoncerna min mill-partijiet irid jaghti prova, issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Ingegnere Frank Calafato vs Carmelo Grech" -** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Novembru 1921 [Vol. XXIV.i.894], fejn intqal:- *"Attessocche' contrariamente a quanto sembra aver ritenuto la prima Corte, quando in un giudizio di risarcimento di danni l'attore allega d'aver*

[29] Halsbury H. S. G. (1955). Halsbury's Laws of England (3rd ed.) Vol. 11 page 289

*sofferto il danno di culi reclama la rifazione, per colpa del convenuto, egli e' nell'obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo*".

F'dan is-sens ukoll ara s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino vs Angelo Xuereb noe et "**[Citaz. Nru:1264/99TM] deciza fit-3 ta' Lulju 2003.

Inoltre kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet "**Antonio Vella vs Emanuel Attard"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju 1976 ir-regola komuni huwa l-principju "*culpae non praesumuntur*".

22. Dwar ir-responsabiltà ta' entitajiet pubbliċi li lilhom tkun ġiet affidata ċertu mansjoni intqal is-segwenti fis-sentenza **Hugh P Zammit noe v. Id-Direttur Tat-Toroq et** (App. Inf. 609/1998/1 PS, 23/01/2004):

"Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta'zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili."

23. Hekk ukoll fis-sentenza **Martin Bonello Cole v. Kummissarju tal-Pulizija et.** (PA, Ċit 1210/1993/1 PS, 03/10/2003) ingħad li:

"Kien jinkombi b' dover fuq l-awtorita` pubblika, u dan ighodd ukoll ghall-enti pubblika, responsabbli minn certi xoghlijiet, illi tassikura li l-uzu tat-triq u l-flow of traffic jigu zvolti minghajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-mizuri prekawzjonali li jharsu l-inkolumita` ta' l-utenti jew tal-pedestrians li jkun qed jaghmlu uzu mit-triq. Hekk per ezempju billi tipprovdi guardrails, barriers u senjalazzjonijiet ohra adegwati. L-istess awtorita` jew enti pubblika ghandha wkoll id-dover li thares, b' indukrar sufficcjenti, illi fl-ezekuzzjoni ta' xoghlijiet stradali kuntratturi inkarigati jkunu qeghdin huma wkoll jiehdu l-mizuri protettivi ghall-ahjar harsien tat-terzi.Jekk l-awtorita` jew enti pubblika tonqos f' dan tista', u ghandha, issib ruhha rinfaccjata minn domanda ghar-rizarciment tad-danni.

Ir-responsabilita` ta' l-amministrazzjoni pubblika hi materja f' evoluzzjoni, tista' tghid, kontinwa. Tali zvilupp wassal biex jigi ritenut illi l-amministrazzjoni pubblika hi wkoll, bhal kull individwu jew korp, tenuta li tosserva l-principju "neminem laedere". Tali principju hu issa estiz kemm fil-kaz ta' ezekuzzjoni jew manutenzjoni ta' xoghlijiet pubblici kif ukoll in rapport ta' vigilanza jew ta' kontroll

in generali ta' l-attivita` pubblika. F' din il-gurisprudenza gie affermat illi l-awtorita` jew enti pubblika tista' twiegeb ghall-htija akwiljana."

**Kunsiderazzjoni: ġenerali**

24. Skont dak li ġie indikat fir-rikors promotur, jidher li hija l-fehma tar-rikorrenti illi l-ħsarat li ġew sofferti minnhom huma tort tal-Aġenzija intimata billi l-ħofra fejn seħħ l-inċident kienet fi triq li hija responsabbli għaliha l-istess intimata.

25. Mill-banda l-oħra l-Aġenzija intimata eċċepiet fost l-oħrajn illi hija mhijiex responsabbli għad-danni u f'kull każ "*jispetta lill-atturi jippruvaw Il l-Aġenzija esponenti taħti għal xi nuqqasijiet li jrenduha responsabbli għad-danni pretiżi minnhom.*"

26. Il-kompitu tar-rikorrenti f'din il-kawża għalhekk kien illi jipprovaw:

   i. illi l-Aġenzija intimata kellha **dmir** impost fuqha mill-liġi,
   ii. illi l-Aġenzija **naqset** minn dan id-dmir,
   iii. **in-ness ta' kawża u effett** bejn dan in-nuqqas u d-danni mġarrba,
   iv. id-**danni** mġarrba

27. Il-Qorti tosserva illi kważi l-provi kollha miġjuba mir-rikorrenti f'din il-kawża kienu jikkonċernaw l-aħħar element, u ċioe il-prova tad-danni iżda ftit li xejn nġiebu provi fuq l-elementi l-oħra fosthom dwar l-allegat dmir tal-Aġenzija intimata.

28. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas serju u lampanti min-naħa tar-rikorrenti, il-Qorti għandha xorta waħda l-kompitu tistħarreġ jekk tal-inqas mill-atti jew mill-liġi jirriżultax xi dmir tal-Aġenzija intimata.

29. L-Art. 33 tal-Kap. 363 ('L-Att dwar Gvern Lokali") jipprovdi kif ġej:

**'33.(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:**

**(a) li tipprovdi, fir-rigward ta' kwalunkwe triq, <u>għajr triq li r-responsabbiltà fir-rigward tagħha hija vestita f'Infrastruttura Malta skont it-termini tal-Att tal-2018 dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta</u> jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, <u>iż-żamma u l-manutenzjoni</u>, jew it-titjib tal-istess, u li tipprovdi u żżomm sinjali stradali u marki stradali adegwati, skont standards nazzjonali u internazzjonali: Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi t-tiswija tal-irqajja' u l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha.**

**...**
**(2) Monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji nazzjonali oħra, stabbilimenti, bini u ħwejjeġ imniżżla fir-Raba' Skeda ta' dan l-Att għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Gvern, ħlief kif provdut fis-subartikolu (1)(w) jew (x), u huma totalment esklużi mill-kompetenza**

**...**
***'IR-RABA' SKEDA***
***[Artikolu 33]***

***Ħwejjeġ esklużi mir-responsabbiltà ta' Kunsilli Lokali***
***...***
***Toroq: It-toroq arterji u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali ...'***

30. Fit-Tieni Skeda tal-istess Kap. 363 hemm elenku tal-lokalitajiet u l-konfini tagħhom inkluż il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Fil-verżjoni elettronika tal-liġi, malli wieħed jagħfas fuq l-isem tal-lokalita' toħroġ il-mappa tal-lokalita' liema mappa tindika b'linja ħamra t-toroq arterjali u distributorji fil-lokalita'. Din il-mappa madanakollu ma tantx hija t'għajnuna billi ma tindikax b'mod ċar liema huma dawk it-toroq meqjusa bħala arterjali jew distributorji fil-lokalita'.

31. L-Art. 5 tal-Kap. 588 ('L-Att dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta") jipprovdi kif ġej:

**'5.(1) Bla ħsara għal kwalunkwe setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni tal-Aġenzija li:**
**...**
**(ċ) ... tikkostruwixxi mill-ġdid, issewwi, ... u tirrenova kull triq u ... tieħu ħsieb iż-żamma ... u tirrestawra kwalunkwe triq u timmaniġġa u tikkontrolla kwalunkwe xogħlijiet stradali meħtieġa, twettaq kull tip ta' xogħlijiet ikunu kif ikunu deskritti, inklużi iżda mhux limitatament l-ippjanar u l-ipprogrammar tal-istess u l-ippjanar u l-ipprogrammar tal-bini mill-ġdid u r-restawr ta' kwalunkwe triq ...**
**...**
**Iżda fejn il-manutenzjoni ta' kwalunkwe triq lokali taqa', skont il-liġi, taħt ir-responsabbiltà ta' kunsill lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq m'għandhiex, inkwantu tikkonċerna dik ir-responsabbiltà, tkun il-funzjoni tal-Aġenzija'**

32. Inoltre l-Art. 3(2) tal-Kap. 588 jipprovdi kif ġej:

**'3 (2) F'dan l-Att, kemm-il darba l-kuntest ma jitlobx xort'oħra, il-frażijiet li ġejjin għandu jkollhom t-tifsira li ġejja ...**

> **"triq lokali" tfisser triq li <u>mhix identifikata bħala triq arterjali jew distributorja</u> u li mhix triq privata, u tinkludi kull triq li ġiet klassifikata u identifikata bħala tali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, liema klassifikazzjoni u identifikazzjoni tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.'**
>
> **"toroq <u>arterjali u distributorji</u>" tfisser kull triq li ġiet klassifikata u identifikata bħala tali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, liema klassifikazzjoni u identifikazzjoni tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

33. Imbagħad l-Art. 26 tal-istess Kap. 588 jipprovdi kif ġej:

> **'26.(1) F'azzjoni għal korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà li tirriżulta minn nuqqas fil- manutenzjoni ta' xi triq, dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu istitwiti kontra:**
>
> **(i) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti qabel l-ordni f'artikolu 27 (1) kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli;**
>
> **(ii) l-Aġenzija fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti wara l-ordni fl-artikolu 27(1) tkun taħt ir-responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli; u**
>
> **(iii) kunsill lokali fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti tkun taħt ir responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni u l-ordnijiet fl-artikolu 27(2) u (3) rispettivament skont il-każ applikabbli:**
>
> **Iżda meta triq hija kklassifikata bħala triq lokali skont il-leġiżlazzjoni applikabbli u taqa', fi kwalunkwe miżura, taħt ir-responsabbiltà ta' kunsill lokali skont l-Att dwar Gvern Lokali , ir-responsabbiltà għal dik it-triq lokali m'għandhiex, fil-miżura ta' dik ir-responsabbiltà, tkun il-funzjoni tal-kunsill lokali rispettiv jekk il-ħsarat fiha huma ta' natura straordinarja u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija.'**

34. Għalkemm l-Art. 5(c) tal-Kap. 588 jirreferi għal <u>**kull triq**</u> bħala suġġetta għall-obbligazzjoni tal-Aġenzija intimata li tieħu ħsieb iż-żamma tagħha, madanakollu l-*proviso* tagħmilha ċara li <u>**toroq lokali**</u> huma taħt ir-responsabiltà tal-Kunsilli

Lokali[30]. Għalhekk huwa daqstant ieħor ċar illi r-regola prinċipali hija illi **<u>l-Aġenzija intimata hija responsabbli biss għaż-żamma u manutenzjoni ta' toroq arterjali u distributorji.</u>**

35. L-unika prova dwar fejn seħħ eżattament l-inċident joħroġ mir-rapport tal-Pulizija u dan fejn hemm indikat illi dan seħħ fi Triq it-Telgħa tax-Xemxija "*quddiem il-Beachhaven*". Kien jispetta lir-rikorrenti – **<u>partikularment fid-dawl tal-eċċezzjoni mressqa mill-intimata illi r-rikorrenti għandhom jippruvaw li hija naqset minn xi dmir -</u>** illi jressqu prova illi l-post fejn seħħ l-inċident jaqa' f'parti tat-triq li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Aġenzija intimata, ossia illi hija parti minn triq arterjali/distributorja. F'dan ir-rigward kull ma kellhom jagħmlu r-rikorrenti kien li jtellgħu rappreżentant tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex jesebixxi lista tat-toroq arterjali u distributorji f'Malta biex b'hekk jikkonferma jekk it-triq in kwistjoni hijiex waħda minnhom jew le.

36. Għalkemm il-Qorti tifhem u tista' tassumi mill-għarfien tal-Maġistrat Sedenti illi t-triq in kwistjoni hija waħda prinċipali billi jgħaddu minnha ħafna karozzi ta' kuljum, madanakollu m'huwiex ġust fuq il-parti l-oħra fil-kawża (f'dan il-każ fuq l-Aġenzija intimata) illi tissostwixxi *motu proprio* il-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaq din il-prova, bl-għarfien personali tagħha, fuq materja daqstant **<u>kruċjali</u>** għas-siwi tal-azzjoni.

37. Il-Qorti tqis illi r-ritratti esebiti mir-rikorrent a fol 23-31 jitkellmu waħedhom billi juru l-istat xi ftit jew wisq diżastruż taż-żamma tat-triq. M'hemmx dubbju illi min huwa responsabbli għal din it-triq naqas milli jaderixxi mal-obbligu tiegħu illi jmantniha u jżommha fi stat sikur għas-sewwieqa u għan-nies li jagħmlu użu minnha.

38. Dwar in-ness bejn il-kawża u l-effett, il-Qorti tqis illi l-aħjar prova f'dan ir-rigward kellha tkun ix-xhieda tax-xufier in kwistjoni, liema xhieda ġiet sfilzata mill-Qorti wara illi x-xhud li kien xehed in eżami ma setax jiġi rintraċċjat mill-intimata għall-kontroeżami tiegħu. Il-Qorti tqis illi kien kompitu tar-rikorrenti li jiżguraw illi xhud daqstant importanti għall-każ tagħhom ikun disponibbli għall-kontroeżami tiegħu. Inoltre, kien ukoll jispetta lir-rikorrenti li fl-istadju meta l-Qorti sfilzat it-testimonjanza tax-xhud, jitolbu permess li jressqu xi prova jew provi oħra sabiex jippruvaw jimlew il-vojt li ħalla dan ix-xhud dwar kif seħħ l-inċident, jekk hemm

[30] Anke hawnhekk ir-responsabiltà terġa tiġi spustjata lura lill-Aġenzija intimata skond il-proviso tal-Art. 26(1)(iii) f'każ ta' ħsarat ta' natura straordinarja.

bżonn billi jerġa jixhed f'iżjed dettal ir-rikorrent li żar il-post tal-inċident ftit tal-ħin wara li kien seħħ.

39. Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet: **<u>Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini</u>** (Avviż Nru 356/2016 KCX, TTZ, deċiż 31/10/2019) fejn *inter alia* ingħad is-segwenti:

> "Ghal min qed jiggudika, xejn ma huwa skontat u xejn m'hu ovvju. Gudikant adit minn mertu ta' procediment ghandu jfassal id-decizjoni tieghu fuq l-bazi tal-materjal probatorju li l-kontendenti jressqu quddiemu, u ghal tali materjal – in virtù tal-principju ta' *iura novit curia* – japplika n-norma ritwali rilevanti u dik sostantiva l-aktar attinenti. In effetti, il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet konkretament pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi, *motu proprio*, il-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku taghna jhaddan massimi Latini bhal "*quod non est in actis non est in mundo*", "*secundum acta et probata non secundum privatam scientiam*" u "*non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii*".

40. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet: **<u>Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.</u>** (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005) fejn inghad illi:

> "in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("*actori incumbit probatio*") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("*reus in excipiendo fit actor*"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. <u>Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha</u>. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

41. Kien kompitu tar-rikorrenti li jipprovaw l-każ tagħhom, partikolarment fid-dawl tan-negazzjoni assoluta tal-Aġenzija intimata. Fi kliem ieħor, apparti li fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti kellhom l-oneru li jippruvaw il-każ tagħhom, dan il-piż tqal iżjed meta r-rikorrenti ġew rinfaċċjati bil-linja difensjonali tal-intimata. Sa mill-bidu nett, ir-rikorrenti kienu konsapevoli li l-intimata kienet qed tikkontendi li r-rikorrenti kellhom jippruvaw li hija taħti għal xi nuqqas li jrendiha responsabbli għad-danni pretiżi minnhom. Mela allura wieħed kien jistenna li r-rikorrenti jattivaw ruħhom adegwatament biex juri li l-Aġenzija intimat kellha dmir skond il-liġi u li hija naqset minn dan id-dmir.

42. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ma tħossx illi r-rikorrenti ssodisfaw l-oneru mixħut fuqhom li jippruvaw il-każ tagħhom fuq bilanċ ta' probabiltajiet u dan billi naqsu milli jipproduċu provi idoneji u suffiċjenti li jagħtu piż lill-asserzjoni prinċipali tagħhom illi l-Aġenzija intimata naqset minn xi dmir impost fuqha mill-liġi u li din it-trasgressjoni *ex-lege* kkawżat b'mod dirett id-danni reklamati minnhom.

**Deċiżjoni**

43. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep Reġistratur